MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1259/2004

**Cauchi Transport Service Ltd**

**Vs**

**Christopher Bugeja**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Gunju 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm500 (hames mitt Lira Maltin) rapprezentanti somma ta' flus mislufa lilu brevi manu.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` attrici qed titlob lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) rapprezentanti somma ta' flus mislufa lilu brevi manu.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-hdax (ii) ta’ Lulju 2001 sad-data ta’ l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas- subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talba qed tigi kontestata stante li m’ghandi nati ebda flus lis-socjeta` attrici u mhux minnu li qatt tawni xi flus b’titolu ta’ self.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Mhux kontestat li ghaddiet is-somma ta’ Lm500 (hames mitt Lira Maltin) minghand is-socjeta` attrici ghal ghand il-konvenut – li huwa dibattut huwa t-titolu. Hemm differenza bejn self u donazzjoni. L-oneru tal-prova jingombi fuq min jallega. Intalbet ir-rifuzjoni meta l-konvenut telaq minn mas-socjeta` attrici u mar jahdem maz-ziju tieghu. Kif ukoll mar il-klijent li kien tah xi flus ukoll. Dana issuccieda wara li ghaddew il-flus.

Inoltre ma hemmx qbil fuq dak li gie allegat mid-direttur fl-affidavit tieghu – meta xehed seduta stante in kontroezami. Da parti tieghu, il-konvenut baqa’ isostni l-istess versjoni.

Peress illi s-socjeta` attrici ma ghamlitx il-prova sal-grad li trid ligi fuq bilanc ta’ probabilitajiet, it-talbiet taghha ma jistghux jintlaqghu.

Jiddeciedi billi jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici, spejjes bla taxxa in vista tac-cirkostanzi tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------